MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Numru 990/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
v

**MARK PISANI**
**SEAN TABONE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK PISANI** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Alexander u Loreta nee Cauchi, imwieled H'Attard nhar l-hdax ta' Novembru 1978 u residenti 574, Triq Dum Amabile Sisner, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita numru 17179M u **SEAN TABONE** ta' sitta w ghoxrin sena bin John u Maria Concetta nee Attard, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Lulju 1976 u residenti 'Monreve', Triq Indri Callejja, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 337076M gew mressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-

Gzejjer nhar t-tlettax ta' Gunju 2002 ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta' filghodu fi Triq San Gorg, San Giljan, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, cioe vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBL 889, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Carmel Wallace Sammut u Jean Luc Sammut.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2002 esibit a fol 8 tal-atti markat bhala dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 13 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju nhar s-sebgha ta' Marzu 2005.

Ikkunsidrat:
Illi **nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 xehed l-Ispettur Martin Sammut** [fol 15] fejn qal li nhar t-tlettax ta' Gunju 2002, PS 1492 Joseph Pace kien infurmah li ghall-habta tal-erbgha w kwart ta' filghodu certu Jean Luc Sammut kien irrapporta l-Ghassa li kellu l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBL 889 li kienet ipparkjata fi Triq San Gorg, quddiem d-diskoteka Axis u persuna mhux maghrufa kien waqqfu u beda jinsulentah. Fid-daqqa w l-hin din il-persuna kissritlu l-quarter window tan-naha tal-lemin. Ftit aktar tard, giet persuna ohra li nghaqdet mal-aggressur u bdiet tkissirlu l-vettura tieghu u anke barxitielu. Spjiegalu wkoll li l-aggressuri kienu riekba f'vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAN 412 li mill-investigazzjoni mizmuma mill-Pulizija rrizulta li din l-vettura kienet tghajjat lil Mark Pisani. Irrizulta wkoll li PS 1492 Joseph Pace kien tkellem ma Mark Pisani li ammetta mieghu li kien fuq il-post tal-incident w in oltre li mieghu kien hemm persuna ohra jismu Sean Tabone.

Sussegwentement huwa ghamel kuntatt ma missier Jean Luc Sammut ghaliex il-vettura li kienet giet danneggjata tappartjeni lil Wallace Sammut u xi zmien wara ghaddilu stima tal-hsarat li sofra fl-ammont ta' hames mija disgha w ghoxrin lira u sitta w sebghin centezmu [dok AM a fol 20]. Ghaddielu wkoll kopja fiskali tal-hlas li kien effettwa mas-socjeta Top Car Limited ta' Hal Qormi. Huwa esibixxa wkoll diskette li tindika l-hsarat li kellu fuq il-vettura kagun ta' dan l-incident qabel ma sewwa l-istess vettura, liema diskett giet mmarkata bhala dokument AM 2. Huwa kien baghat ghal imputat u l-imputat kien ammetta mieghu l-involviment tieghu f'dan l-incident ghalkemm ma qablux fuq il-quantum tal-hsarat. Iz-zewg imputati irrilaxxjaw stqarrija wara li gew mitkellma minnu li tinsab esibita a fol 23 et seq tal-atti markati bhala dokumenti MS 1 u MS 2.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 xehed PS 1492 Joseph Pace** [fol 28] fejn ikkonferma dak li qal l-Ispettur Martin Sammut dwar r-rapport li kien ircieva u dak li kien investiga hu. Mistoqsi jekk rax l-vettura in kwistjoni li giet danneggjata f'xi hin ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mark Pisani kien ammetta li tefa' kantun bricks mal-windscreen tal-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBL 889 pero ma ddeskrivilux l-hsara li kkaguna. Huwa esibixxa okkorrenza tal-incident li giet mmarkata bhala dokument PS a fol 31 et seq u minn ezami taghha tirrizulta lista tal-hsarat li kien hemm fuq il-vettura skond ma qallu l-istess Jean Luc Sammut fosthom "hsarat fir-rear bumper, rear mirror, rear right quarter window, rear wiper, dent on the right front door, right mirror was broken, right front indicator and windscreen was smashed."

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 xehed Jean Luc Sammut** [fol 35] fejn qal li waqt li huwa kien fil-vettura teighu pparkeggjata faccata tad-diskoteka Axis f'Paceville ghal habta tal-erbgha ta' filghodu waqt li kien qed jirranga xi affarijiet fuq is-seat ta' wara tal-istess vettura, resaq Peugeot 106 bajda u s-sewwieq taghha daqqlu l-horn sabiex jaghlaq il-bieba tal-vettura. Ftit wara infaqghet il-quarer window tal-vettura tieghu u kien hemm tlett irgiel u mara li kissrulu l-karozza tieghu. Wiehed minnhom tefa' bicca tarmac fid-direzzjoni ta' vettura ghal fuq il-

windscreen u din inkisret. Saret hsara wkoll fil-mudguard u bumper ta' quddiem b'xi daqqa ta' sieq. Huwa gharaf lil imputati odjerni bhala l-istess persuni li kissrulu l-vettura tieghu.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 xehed Carmel Wallace Sammut** [fol 38] fejn qal li hu sid il-vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBL 889 w ikkonferma li gieli sellef l-vettura tieghu lil ibnu Jean Luc Sammut. Ikkonferma wkoll li ha ritratti tal-hsarat li kellu f'din il-vettura wara dan l-incident u poggiehom fuq compact disc li ghadda lil Pulizija Ezekuttiva. Ikkonferma wkoll li huwa sewwa l-vettura u sofra spejjes kif indikati fl-invoice u VAT receipt esibiti fl-atti. Huwa kkonferma li l-hsarat kienu kollha relatati ma dan l-incident. Ikkonferma wkoll li qabel dan l-incident huwa kien dar il-karozza in kwistjoni peress li kien ser ibieghha u sahansitra anke avviz fil-gazzetta ghal dan l-ghan kien pogga.

Illi **nhar l-hdax ta' Gunju 2003 xehed Brian Farrugia** [fol 45] w ikkonferma li bejn t-tmintax ta' Awissu 2000 w it-tlettax ta' Ottubru 2002 il-vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBL 889 kienet registrata f'isem Carmel Wallace Sammut detentur tal-karta tal-identita numru 71652M.

Illi **nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2003 xehed Sergio Camilleri** [fol 48] wiehed mid-direttur tas-socjeta Top Car Limited w ikkonferma li s-socjeta tieghu rrangat il-vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBL 889 li kienet registrata f'isem Carmel Wallace Sammut skond l-invoice esibita fl-atti markata bhala dokument AM a fol 20. Huwa kkonferma wkoll li huwa gie risaldat ghas-saldu skond l-invoice mahruga u dan minghand l-istess Carmel Wallace Sammut.

Illi **nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2004 xehed PC 302 Elton Taliana** [fol 68] fejn ikkonferma r-rapport li sar minn Jean Luc Sammut u Carmel Wallace Sammut fuq l-incident li sehh nhar t-tlettax ta' Gunju 2002. Ikkonferma li ra l-vettura dakinhar tal-incident u kkonferma li kellha

diversi hsarat fuqha. Huwa kien informa lil Ispettur dwar dan il-kaz.

Semghet lil imputati jixhdu t-tnejn nhar s-sebgha ta' Marzu 2005 [fol 104 et seq] u ma jidhirx li huma kkontestaw l-fatt ta' kif effettivament sehh l-incident salv li qalu li gew mghajjra minn Jean Luc Sammut qabel ma rritaljaw bili kkagunaw diversi hsarat voluntarji fuq il-vettura. Illi anke fl-istqarrija taghhom esibita fl-atti bhala MS 1 u MS 2 jirrizulta li l-imputati ammettew li kkagunaw hsarat fil-vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBL 889 pero m'ammettewx li l-hsarat kellhom jeccedu l-mitt lira maltin ghaliex fil-fatt l-imputat Sean Tabone fix-xhieda tieghu jghid li kien lest li jhallas s-somma ta' mitt lira maltin. Huma pprezentaw stima mahruga minn Peugeot Motoring fl-ammont ta' sitta w erbghin lira u sittin centezmu rappresentanti l-valur tal-ispare parts ghal windscreen, quarter window u rear wiper blade. Illi pero minn ezami tad-diskette esibita u mir-riratti esibiti jirrizulta li l-hsarat ma kienux limitati ghal tibdil ta' dawk l-parts biss kif del resto jirrizulta fl-okkorrenza mehuda mill-Pulizija a tempo vergine tal-investigazzjoni minn fejn jirrizulta lista tal-hsarat inkorsi fil-vettura.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mll-ligi u tiddikjara li ssib lil imputati MARK PISANI u SEAN TABONE hatja tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront taghhom.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputati markati bhala dokument CSH 1 u CSH 2 esibit fl-atti a fol 9 et seq u jirrizulta li l-imputat mark Pisani diga instab hati reati ohra fosthom reati konnessi ma pussess ta'droga, ta' reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku u talli hebb u sawwat terza persuna meta gie kkundannat multa f'diversi okkazzjonijiet w inghata conditional discharge, filwaqt li l-imputat Sean Tabone instab hati mill-Qrati f'erbgha okkazzjonijiet talli kkommetta reati u kontravenzjonijiet naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku u ta' pussess ta' droga Kokaina meta nghata piena ta' amenda u conditional discharge.

Illi ma jidhirx pero li l-imputati tghallmu mill-esperjenzi taghhom ghaliex regghu qeghdin quddiem il-Qorti akkuzati bir-reati odjerni.

Din il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni lis-socjeta li min jikser dufrejh mal-ligi ma jhallasx ghal ghemilu ghaldaqstant thoss li l-piena li ghandha tapplika hija karcerarja izda sospiza sabiex jkollha effett ta' mannara mdendla fuq ras l-imputat. Il-Qorti ghandha d-dover li tipprotegi lis-socjeta mill-aggressjoni ngusta ta' terzi. Il-Qorti hija l-balwarda ta-socjeta u trid tkun hi li mhux biss thares lic-cittadini onesti milli jisfghu misruqa u vjolentati izda trid tibghat messagg lil kull min jidhirlu li ghax b'sahhtu, jew ghaliex ikun imdawwar b'kumpanija ta' nies bhalu, jista jaghmel li jrid.

Dan l-agir il-Qorti tikkundannah bil-kbir u hu ghalhekk li din l-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik imfissra aktar 'l fuq u ghalkemm l-imputati mhux recidivi ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta certament huma recidivi ai termini tal-artikolu 49 tal-istess Kap.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati MARK PISANI u SEAN TABONE hatja tal-akkuza kif addebitata fil-konfront taghhom, u tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' tlettax il-xahar sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din is-sentenza liz-zewg imputati u l-konsegwenzi taghha jekk huma jonqsu li josservawha.**

**L-imputati fil-presenza tal-Avukat Difensur taghhom jiddikjaraw li fehmu l-import ta' din is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------